MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru. 548/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Joseph Attard iben Joseph u Emanuela nee` Vella imwieled il-Mellieha fid-19 ta` Marzu, 1960 u residenti 162, Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 252360 (M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

a) Fil-Gnejna limiti tal-Mellieha, fit-3 ta` Awissu, 2001, bejn it-8.30 pm u d-9.30 pm, kif ukoll fil-15 ta` Mejju, 2002, ftit wara s-1 pm, volontarjament hassar, ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ucuh tar-raba`, liema hsara teccedi l-Lm 50 izda inqas minn Lm 500, f`kull kaz, ghad-dannu ta` Joseph Vella u Sammy Vella u dan bi ksur ta` l-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Lulju 2002 sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2002 ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda hsara volontarja allegatament kawzata mill-imputat f'zewg incidenti separati, wiehed fit-3 ta' Awissu 2001 u l-iehor fil-15 ta' Mejju 2002 f'ghalqa fil-Gnejna limiti tal-Mellieha ghad-detriment ta' Joseph Vella u Sammy Vella. Dwar l-incident tat-3 ta' Awiissu 2001 Joseph u Sammy Vella allegaw li l-imputat kien harbat u witta l-ghalqa taghhom fejn huma dakinhar stess filghodu kienu ghadhom kemm zraw xtieli tal-*cape gooseberry*. Huma qalu li kienu rawh jahgmel din il-hsara Emanuela Vella (omm l-imputat) u Emanuel Sammut (ir-ragel ta' oht l-imputat). Dwar l-incident tal-15 ta' Mejju 2002 Joseph u Sammy Vella jallegaw li l-imputat kien hartilhom l-ghalqa fejn kienu regghu zraw xtieli tal-*cape gooseberry* u din id-darba wkoll kien rah jaghmel il-hsara Emanuel Sammut li jigi r-ragel tat-tifla taz-zija taghhom Emanuela Vella.

Mill-provi rrizulta li kien hemm kwistjonijiet bejn il-membri familjari rigward l-art in kwistjoni liema kwistjonijiet kienu ilhom ghaddejjin ghal diversi snin. L-imputat Joseph Attard jigi iben Emanuela Vella, li hija separata minn ma missieru Joseph Attard Sr., u huwa n-neputi u l-kugin tal-kwerelanti Joseph u Sammy Vella rispettivament.

Kif intqal fil-paragrafi precedenti dwar l-incidenti li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza il-kwerelanti jallegaw li Emanuela Vella u Emanuel Sammut kienu raw lil-imputat jaghmel il-hsara fil-propjeta' taghhom fl-incident tat-3 ta' Awissu 2001 filwaqt li Emanuel Sammut kien rah jaghmel il-hsara fl-incident tal-15 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta' dawn l-imsemmija persuni u jidrilha li hemm diversi diskrepanzi f'dak li qalu, liema dispkrepanzi jitfghu dubju serju dwar il-kredibiltia' taghhom u dan anki tenut kont tal-problemi familjari li kien hemm bejnhom u bejn l-imputat. Per ezempju Emanuela Vella meta xehdet fit-18 ta' Ottubru 2002 (ara xhieda relattiva inserita a fol. 27 u 28 tal-process) qalet li fit-3 ta' Awissu 2001 hija kienet fit-trukk hdejn ir-raba' taghha filwaqt li r-ragel tat-tifla Emanuel Sammut kien qieghed fir-raba' u hija tghid li kienet rat lil binha Joseph Attard, u cioe' lill-imputat diehel fir-raba' taghha u jqaccat kull ma kien hemm. Dwar l-allegat incident ta' Mejju 2002 hija qalet is-segwenti:-

*"Naf li f'Mejju ta' din is-sena kien hemm incident fis-sens illi l-imputat qala' dak li kienu hawlu fir-raba' ta' hija, hija li jismu Joseph Vella. Rajnieh ahna stess. Naf li mal-imputat kellu lil habib tieghu mieghu certu Joseph Galea. X'hin kont hemm jiena ma rajtx lill-imputat jew lil Gelea jaghmlu xi hsara fir-raba' ta' hija."*

Emanuel Sammut min-naha l-ohra dwar l-allegat incident tat-3 ta' Awissu 2001 jghid li huwa kien ra lill-imputat jaghmel il-hsara fir-raba' ta' Joseph Vella u mhux fir-raba' ta' Emanuela Vella kif qalet l-istess Emanuela Vella. Inoltre dwar l-allegat incident tal-15 ta' Mejju 2002 dan ix-xhud jghid li ra lill-imputat jaghmel xi hsara fir-raba' ta' Joseph Vella filwaqt li meta xehdet martu Victoria Sammut hija qalet li kienet hija li kienet rat lil huha Joseph Attard jaghmel il-hsara fir-raba' taghhom u taz-ziju Joseph Vella u kienet marret id-dar u qalet lill-ommha u imbaghad meta zewgha gie mix-xoghol filghaxija kienu regghhu marru l-ghalqa sabiex jaraw xi hsara kien hemm.

Kif diga' intqal aktar il-fuq dawn id-diskrepanzi sostanzjali jitfghu dubju serju dwar il-kredibilita' ta' dawn ix-xhieda u l-Qorti jidrilha li ma tistax temmen il-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija.

Irid inoltre jigi rilevat li fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma ngabet prova dwar il-hsarat allegatament sofferti mill-kwerelanti Joseph u Sammy Vella.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma jista' jinghad li giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------